MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 362/2005

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Antoine Paul Farrugia (ID No. 292773M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn erbgha mija u sitta u tletin liri Maltin tmienja u hamsin centezmu (Lm2,436.58) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21239439, (skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz mmarkati Dok A, B u C).

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Mejju 2004 u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 5 tal-atti u markati A, B, u C.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2436.58,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju 2004 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------